MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 368/2009

**Go Plc (C22334)**
**Vs**
**Ronald Hunt (ID55844M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elefejn sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€2672) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni ma zewg servizzi telefonici li jgibu in-numru 21384070 u 21384071 skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati 'Dok A, B, u C.'

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------